MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Numru 230/2007

Il- Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

-vs-

Carmelo Innorcia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

Carmelo Innorcia ta' 34 sena ta' nazzjonalita' Taljana, iben Santo u Maria nee' Linfa mwieled Biberac il-Germanja fid- 29 ta' Dicembru 1972, residenti 'Daffodil' Triq Giovanni Ricasoli, Kalkara u detentur tal- karta ta' l-identita' Taljana bin- numru AJ9479539.

Talli nhar il- 5 ta’ Marzu 2007 u fil- jiem ta’ qabel din id-data, fi Triq Giovanni Ricasoli, l- Kalkara, kkommetta serq ta’ diversi oggetti ta’ deheb u mobile phone tal- marka Nokia mill- fond ‘Daffodil’, liema reat ta’ serq hu kwalifikat bil- valur li jeccedi l- mitt Lira Maltija izda ma jeccedix l- elf lira Maltija, bil- persuna u bil- lok li sar ghad- dannu ta’ Jennifer Bonavia.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Ra x-xhieda u d-dokumenti prezentati.

Rat l-artikoli 261(c) (d) (e), 267, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputati hija dik ta’ serq aggravat bil-valur, persuna, u lok.

Illi f’l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2007 mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Ghalhekk l-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, il-Qorti f’l-ewwel lok tosserva li f’l-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2007 dehret id-derubata Jennifer Bonavia li iddikjarat li hija kienet hafret lill-imputat u li hi ma trid xejn minn ghandu.

Illi ghalkemm l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet lilu adebiti fi stadju inizjali ta’ dawn il-proceduri, fil-kors ta’l-investigazzjoni mizmuma mill-Pulizija huwa xejn ma kkopera maghhom.

Illi l-piena stabbilita ghall-imputazzjoni ta’ serq b’l-aggravji fuq imsemmija tikkomporta piena ta’ prigunerija ghal perjodu massimu ta’ tlett snin.

Illi pero l-imputat huwa *first time offender* u l-Qorti thoss li ghandha taghtih il-possibilta li jirriforma ruhu minghajr ma effettivament jiskonta piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 261(c) (d) (e), 267, 268 u 269 kif ukoll l-artikoli 279, 280 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni issib lill-imputat **Carmelo Innorcia** hati ta’ l- imputazzjonijiet lilu adebiti u tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ghall-perjodu ta’ sentejn liema perjodu, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ erbgha snin. Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operittiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------